# Fuq l-Għatba ta' l-1997

**Ħsibijiet fuq dak li qed jipproponi l-Papa fl-ittra appostolika *Tertio Millennio Adveniente***

***Dun Hector M. Scerri***

Xi xhur ilu, f'ġurnal Ingliż, qrajt rapport dwar il-ħafna preparazzjonijiet li qegħdin isiru għaċ-ċelebrazzjoni tal-bidu tal-millenju l-ġdid. Qrajt dwar ikliet f'lukandi magħrufa ġewwa Londra - ikliet u divertiment ieħor li se jsiru fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Diċembru 1999 u l-1 ta' Jannar 2000 - u li dawn ilhom żmien *fully booked.* Hawn min ilu ħafna żmien jaħseb fuq l-aspett soċjali u konsumistiku ta' dan l-avveniment. Kellu raġun il-Kardinal Basil Hume ta' Westminster, f'diskors li għamel fl-4 ta' Mejju 1996 lill-grupp ta' għaqdiet Kattoliċi, meta qal: *"We in the Church must make our plans too. In fact, we should be ahead of all others, for the Millenium itself has its reason in the birth of Him we know as Lord and Saviour."* Fl-Ittra Appostolika *Tertio Millennio Adveniente,* il-Papa Ġwanni Pawlu II jidħol fid-dettall dwar kif għandha ssir it-tħejjija għall-Ġublew il-kbir tas-sena 2000. Dwar l-1997, il-Papa jgħid li din is-sena "se tkun *riflessjoni fuq Kristu,* il-Verb tal-Missier li sar bniedem bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu. Jeħtieġ naraw b'mod tassew ċar il-karattru *kollu kemm hu kristoloġiku tal-Ġublew.*" (TMA 40a). Tajjeb li niftakru li l-emfasi li ssir fis-sentejn ta' wara (1998 u 1999) se tkun fuq l-Ispirtu s-Santu u l-Missier.

Il-Ġublew tas-sena 2000 huwa l-ewwel wieħed fl-istorja tal-Knisja li se jikkommemora b'mod speċifiku t-twelid ta' Ġesù. Fis-sena 1000, ma saret l-ebda ċelebrazzjoni ta' natura spritwali; anzi, kien hemm fatturi negattivi bħall-*millenariżmu.* Dan it-twemmin kien iqis li d-dinja kienet se tispiċċa fis-sena 1000. Mhux l-ewwel darba li anke llum nisimgħu b'setet *millenaristi,* speċjalment fl-Amerika ta' Fuq, li jitkellmu b'toni apokalittiċi, anke fuq is-snin li ninsabu fihom.

Il-Ġublew, kif tarah il-Knisja, huwa avveniment ta' ferħ. Il-kelma stess (ġublew, *giubileo, giubilare*) turi l-ferħ li għandu jispikka fiċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru. Huwa l-ferħ li jimla 'l qlubna meta nikkontemplaw lill-Iben t'Alla li sar bniedem biex isalva l-umanità. Huwa ferħ li jiġi wara li neżaminaw il-kuxjenza tagħna u nindmu minn nuqqasijietna, speċjalment matul din *is-sena ta' grazzja.*

Il-Papa għalhekk iħeġġiġna biex matul l-1997 nikkontemplaw lil Ġesù Kristu. F'diskors li huwa għamel lill-Kumitat



27/267

Ċentrali tal-Ġublew, nhar l-4 ta' Ġunju li għadda, il-Papa saħaq fuq dan: "*guardare a Gesù per aderire in modo più consapevole e maturo al Vangelo. Ecco l'orientamento fondamentale che, nel corso del 1997, dovrà condurre i credenti ad un autentico ed efficace rinnovamento pastorale.*" Fit-*Tertio Millennio Adveniente*, il-Papa jispjega kif nistgħu nagħmlu dan. Fil-paragrafu 40c, huwa jsemmi kif nistgħu nagħrfu aħjar min hu Ġesù: "li l-Insara kollha... jerġgħu lura b'interess imġedded lejn l-Iskrittura." Dan jista' jsir, jgħid il-Papa, permezz ta': (i) il-Liturġija li hi għanja fl-użu tal-Kelma t'Alla; (ii) qari tajjeb; (iii) inizjattivi oħra.

Naħseb li jista' jsir ħafna f'din il-linja ta' emfasi kristoloġika, saħansitra fuq livell parrokkjali. Jistgħu jittieħdu temi bħala slogans (fil-fuljetti parrokkjali, jew fin-*notice-boards* tal-knejjes, jew fil-laqgħat ta' l-għaqdiet jew movimenti u gruppi oħra), per eżempju "Ejja Mulej Ġesù" matul l-Avvent, "Kristu Rxoxt huwa ħaj fostna" matul żmien il-Għid, eċċ. Il-katekeżi li ssir nistgħu nħarsu lejha mhux biss bħala t-tagħlim ta' veritajiet tal-fidi jew it-trawwim ta' valuri Nsara, imma fuq kollox u qabel kollox bħala *laqgħa personali ma' Ġesù Kristu*, laqgħa li tagħmilna lkoll dixxipli tassew. Hekk qal Patri Raniero Cantalamessa OFM Cap f'irtir ta' l-Avvent lill-Papa u lill-Kurja Rumana.

Il-Papa, imbagħad, iħeġġiġna biex matul l-1997, nikkonċentraw l-attenzjoni tagħna fuq is-sagrament tal-Magħmudija: "nagħrfu mill-ġdid il-Magħmudija bħala l-pedament tal-ħajja Nisranija, skond kliem l-Appostlu: 'Intom li tgħammidtu fi Kristu, ilbistu 'l Kristu.'" (TMA 41). Tista' ssir katekeżi fuq il-Magħmudija. Katekeżi bħal din issir lil dawk il-familji li jkollhom tarbija ġdida. U l-familji l-oħrajn? U l-persuni l-oħra li la huma missirijiet u la ommijiet u la parrinijiet? Ta' min nagħrfu bis-serjetà dak li qed jitlobna l-Papa. Li napprezzaw aktar il-Magħmudija tagħna, u xi jfisser il-fatt li aħna mgħammdin. Ta' min iqis li dan is-sagrament jiġi ċelebrat waqt quddiesa tal-ħin: dan jgħin biex joħroġ l-aspett komunitarju mhux biss taċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament, imma wkoll is-sinifikat ekkleżjali tal-Magħmudija. Ta' min naqraw dak li hemm fil-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* dwar il-Magħmudija. Tajjeb ukoll li nħarsu lejn il-Magħmudija u lejn is-sagramenti l-oħra bħala ġrajjiet ta' ħelsien personali u soċjali. Dan nistgħu norbtuh ma' dimensjoni mportanti fit-teoloġija tal-ġublew: id-dimensjoni ta' ħelsien personali u soċjali. Jekk wieħed imur lura saħansitra saċ-ċelebrazzjoni tas-sena sabbatika (kull 7 snin) fost il-poplu Lhudi, u ċ-ċelebrazzjoni tas-sena ġubilari (kull 50 sena), wieħed jista' jifhem kemm din hi dimensjoni mportanti. Fit-*Tertio Millennio Adveniente*

(para. 12 u 13), il-Papa jispjega l-egħruq ta' dawn iċ-ċelebraz-zjonijiet: kienu jiġu meħlusa l-ilsiera, "kull Lhudi kien jieħu lura art missirijietu li kien bejgħ jew tilef għax waqa' fil-jasar." Meta l-Knisja bdiet tiċċelebra s-Snin Imqaddsa (mill-1300), dan l-aspett tal-ħelsien inżamm fuq livell spiritwali - ħelsien mid-dnub, penitenza u rikonċiljazzjoni. Dawn il-karatteristiċi baqgħu dejjem qawwija fiċ-ċelebrazzjoni ta' kull *Anno Santo*.

Għat-tliet snin ta' tħejjija mmedjata għas-sena 2000, il-Papa jagħmel emfasi fuq it-tliet virtujiet teologali: il-fidi, it-tama u l-imħabba. Għall-1997, huwa jixtieq "li titwettaq u tissaħħaħ il-fidi u x-xhieda ta' l-Insara." (TMA 42). Kif nistgħu nwettqu dan? Il-Papa jissuġġerixxi erba' punti: (i) il-ħerqa għall-qdusija; (ii) xewqa qawwija għall-konverżjoni; (iii) tiġdid personali; (iv) solidarjetà mal-proxxmu. Biex nitħeġġu f'dan, nistgħu nħarsu lejn il-Verġni Marija, bniedma bħalna, imma wkoll "eżempju ta' fidi li qiegħda tgħixha bil-fatt." (TMA 43). Dan tennewh ukoll l-Isqfijiet tagħna fil-Pastorali ta' Santa Marija għall-1996, fejn ħeġġewna biex "bħal Marija nħabirku biex l-egħruq tal-fidi tagħna nniżluhom dejjem iżjed fil-fond, fil-misteru ta' Kristu... (Hi) tgħallimna, bl-imġiba tagħha, kif għandna ngħixu ta' nsara u kif għandna nagħtu xhieda tal-fidi tagħna."

B'liema atteġġjament se nħejju ruħna għall-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000? B'liema attitudni se nipprovaw inwettqu dak li ppropona l-Papa fit-*Tertio Millennio*? X'se nagħmlu bħala komunità Nisranija? ...u fuq livell individwali? Il-Kardinal Hume (fid-diskors ta' l-14 ta' Mejju 1996, li semmejt fil-bidu) jipproponi dan l-atteġġjament: "*To go down on our knees and acknowledge our weakness, our frailty, our sinfulness... To go down on our knees - much will be done by way of preparation for the Millenium, but none more important, in my view, than to let our minds and hearts dwell more and more on him, the Word made flesh. Prayer, then, must become a serious undertaking for all of us - the personal encounter with Jesus Christ, the prayerful reading of the Scriptures, especially of the Gospels, time spent alone trying to raise our minds and hearts to God.*"

J'Alla l-prijorità tagħna għas-Sena Mqaddsa tkun tħejjija spiritwali biex niġġeddu spiritwalment... u mhux biss l-organizzazzjoni ta' *tours* lill-Bażiliċi ta' Ruma!

**This is important to realise that though God came to us at a certain point in history, that Jesus was crucified on a cross on a particular Friday, his entry is indeed timeless, and when a man or woman made in God's image is suffering, God is suffering.** ***Dom Edmund Jones OSB***